**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Numru Ħamsa u Erbgħin (47)**

**5 ta' April 2022**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija b'mod virtwali minħabba s-sitwazzjoni attwali tal-pandemija tal-Covid-19.

**PREŻENTI:**

Dr. Christian Zammit – Sindku
Aaron Agius – Viċi Sindku
Stefan Bajada – Kunsillier
Victor John Curmi - Kunsillier
Anthony Attard – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

n/a

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ivan Attard – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Dr. Christian Zammit ippresieda l-laqgħa.

**47.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

47.1.1 Ma ġewx ippreżentati ittri ta' apoloġija mill-Kunsilliera għal din il-laqgħa.

**47.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

47.2.1 Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru 46 li saret nhar il-Ħamis 24 ta' Frar 2022.

**47.3 Komunikazzjonijiet tas-Sindku**

47.3.1 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li x-xogħol ta' rikostruzzjoni ta' Triq Marsalforn jinsab miexi b'ritmu tajjeb u dan minħabba l-fatt li l-kuntrattur alloka numru ikbar ta' ħaddiema li qed jaħdmu fuq dan il-proġett.

Is-Sindku qal li l-kuntrattur infurmah li, sakemm it-temp ikun jippermetti u sakemm ma jkollux nuqqas ta' ħaddiema minħabba xi kwarantina marbuta mal-pandemija attwali, il-ħsieb hu li matul dan ix-xahar ikomplu jsiru l-bankini u tingħata l-ewwel kisja lill-ewwel parti tat-triq. Dan sabiex dawn ix-xoghlijiet ikunu konkluzi sas-Sajf li gej.

Il-Kunsillier Victor Curmi staqsa dwar x'ser isir rigward it-tappiera li hemm fil-kantuniera bejn Triq Marsalforn u Triq Masri. Is-Sindku wiegeb li din il-materja ser tigi solvuta galadarba jitlesta l-*culvert* tal-ilma li qed jinbena bhala parti mix-xoghol ta' rikostruzzjoni ta' Triq Marsalforn.

47.3.2 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li nhar il-Ġimgħa 18 ta' Marzu 2022 ġie ippubblikat fuq is-sistema tal-*epps* it-*tender* għax-xogħol tat-twaqqiegħ tal-bini eżistenti tal-Kunsill Lokali u l-kostruzzjoni ta' Ċentu Ċiviku ġdid għal-lokalita' tagħna, liema xogħlijiet ser ikunu iffinanzjati mill-Ministeru għal Għawdex. L-offerti għal dan ix-xogħol jintlaqgħu sal-Ġimgħa 29 ta' April 2022.

Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandu jinħatar bord ta' aġġudikazzjoni li jevalwa l-offerti sottomessi. Il-Kunsill qabel li din id-decizjoni ghandha tithalla ghal-laqgha tax-xahar id-dieħel.

47.3.3 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma aċċettat li tiffinanzja x-xogħol relatat mal-manutenzjoni u rikostruzzjoni ta' partijiet minn Triq il-Marġa. Dan wara talba li saret mill-Kunsill Lokali tax-Xagħra lill-Ministeru għal Għawdex.

Is-Sindku qal li għadna qed nistennew l-awtorizazzjoni min-naħa ta' Transport Malta fuq rakkomandazzjoni tal-Inġinier Charles Camilleri mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għall-installazzjoni ta' sinjali tat-traffiku f'din il-parti tat-triq. Is-Sindku qal li jinsab infurmat li l-Korporazzjoni qed taħdem biex tippubblika s-sejħa għall-offerti mill-aktar fis possibbli.

47.3.4 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li, sad-data tal-għeluq tas-sottomissjonijiet ta' offerti pubbliċi għax-xiri ta' trakk għall-użu tal-Kunsill, kien hemm offerta waħda li ġiet sottomessa.

Is-Sindku qal li l-bord ta' evalwazzjoni diġa' ltaqa' darbtejn rigward din l-offerta u ntalbu xi kjarifikazzjonijiet lill-kumpanija li tefgħet l-offerta tagħha.

Is-Sindku qal li l-bord ser jinforma lill-Kunsill dwar meta ser ikun konkluż ir-rapport tiegħu sabiex ikun jista' jitressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

47.3.5 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li l-kuntrattur Richard Cauchi ser jibda u jikkonkludi x-xogħol tat-taħmil tar-*reservoir* fi Pjazza l-

Vitorja matul din il-ġimgħa. Dan ix-xogħol ser iwassal sabiex il-pjanti tal-Pjazza jibdew jissaqqew b'sistema ta' irrigazzjoni b'mod awtomatiku.

47.3.6 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li wasal iż-żmien li nibdew naħsbu għall-organizazzjoni ta' Jum ix-Xagħra li jiġi ċċelebrat kull sena nhar it-28 ta' April fl-anniversarju tat-twaqqif tal-Parroċċa.

Is-Sindku qal li fid-dawl taċ-ċirkustanzi attwali, huwa qed jipproponi li l-attivita' din is-sena ssir fil-Knisja Bażilika ta' Marija Bambina nhar is-Sibt 23 ta' April 2022 permezz ta' Quddiesa bis-sehem tal-Banda *Victory* fis-7.00pm segwita minn ċerimonja qasira fil-Bażilika stess li matulha jingħata l-unur 'Ġieħ ix-Xagħra 2022'. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

Fir-rigward tal-għoti tal-unur Ġieħ ix-Xagħra 2022, is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard innota li sad-data tal-għeluq tas-sottomissjonijiet tan-nomini għal dan l-unur, il-Kunsill rċieva tliet nominazzjonijiet: Joseph Bajada, Mario Xerri u Mons. Ġwann Bartolo.

Wara diskussjoni, il-Kunsill iddecieda bi tliet voti favur u tnejn kontra li dan l-unur ghandu jinghata lil Mons. Ġwann Bartolo.

47.3.7 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li fil-ġimgħat li għaddew, il-Ministeru tal-Wirt Nazzjonali, Kultura u Gvern Lokali ħabbar li, in viżta taċ-ċirkostanzi attwali relatati mal-pandemija tal-Covid-19, il-Karnival ta' Malta ser jiġi trasferit għall-Ġimgħa 20, is-Sibt 21 u l-Ħadd 22 ta' Mejju 2022.

Fid-dawl ta' dan, huwa propona li għandu jsir programm varjat fi Pjazza l-Vitorja nhar il-Hadd 22 ta' Mejju 2022 bejn nofsinhar u t-3.00pm u li jkun jinkludi l-karrijiet trijonfali u z-zifna tradizzjonali tal-Kumittiva. Il-Kunsill qabel li bhala compère waqt din l-attivita' għandna navviċinaw lill-preżentatur popolari Ronald Briffa.

47.3.8 Is-Sindku Dr. Christian Zammit semma li hemm diversi anzjani Xaghrin li qeghdin jitolbu lill-Kunsill Lokali tax-Xaghra sabiex ic-Centru ta' Matul il-

Jum għall-anzjani jerga' jinfetaħ kif kien isir qabel il-pandemija tal-Covid-19.

Il-Kunsill qabel li għandna niċċekkjaw mal-Parroċċa meta ser jitlestew ix-xoghlijiet ta' manutenzjoni fic-Cirklu taz-Zghazagh u din il-materja tigi deciza fil-laqgha tax-xahar id-dieħel.

47.3.9 Is-Sindku Dr. Christian Zammit propona li għandna nibdew naħsbu għall-organizazzjoni ta' edizzjoni oħra tal-festival tat-tin u ikel tradizzjonali Malti wara assenza ta' sentejn konsekuttivi minħabba l-pandemija tal-Covid-19.

Il-Kunsill qabel li ghandna nitolbu lill-Ministeru ghal Ghawdex ghal assistenza finanzjarja sabiex ikun jista' jigi organizzat il-festival tat-tin u ikel tradizzjonali Ghawdxi nhar is-Sibt 9 u l-Hadd 10 ta' Lulju 2022.

47.3.10 Is-Sindku Dr. Christian Zammit propona u l-Kunsill qabel li għandna nibagħtu nota ta' ringrazzjament lid-Direttur Ronald Sultana, Direttur tat-Turiżmu fil-Ministeru għal Għawdex, għas-sehem tiegħu sabiex ġiet installata *welcome sign* ġdida fid-daħla tax-Xagħra.

Fuq proposta tal-Kunsillier Victor Curmi, il-Kunsill qabel li għandna niċċekkjaw dwar il-possibilita' li jiżdied sinjal li juri d-direzzjoni lejn il-park il-ġdid tal-familja fis-sit fejn kien hemm il-miżbla tal-Qortin.

## 47.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

47.4.1 Il-Kunsillier Stefan Bajada staqsa dwar il-possibilita' li ssir *slow sign* fil-bidu ta' Triq Gnien Xibla. Il-Kunsill qabel li ghandna nibaghtu din it-talba ghall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

47.4.2 Il-Kunsillier Victor Curmi gibed l-attenzjoni dwar gebla li tinsab 'il barra mill-bankina fil-kantuniera bejn Triq Ġnien Imrik u Triq Knisja. Il-Kunsill qabel li għandna nibagħtu rapport lill-Pulizija, lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u lil Transport Malta.

47.4.3 Il-Kunsillier Anthony Attard staqsa dwar il-possibilita' li ninfurmaw lill-kuntrattur responsabbli mill-gbir tal-iskart sabiex l-iskart organiku jingabar kmieni kemm jista' jkun. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal dan.

47.4.4 Il-Kunsillier Anthony Attard staqsa dwar il-possibilita' li ssir rinumerazzjoni tad-djar ta' Ghawdex. Il-Kunsill qabel li għandna nerġgħu nibagħtu komunikazzjoni lill-Uffiċċju Elettorali u lid-*Door Numbering Unit*.

## 47.5 Qari tal-Korrispondenza

47.5.1 Ċirkulari numru 028/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Infurzar mill-ERA relatat mal-Bins'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

47.5.2 E-mail mill-Federazzjoni tal-Bliet Ewropej tal-Karnival (FECC) li fiha qed jistiednu rappreżentanza mill-Kunsill Lokali tax-Xagħra sabiex tattendi għall-konvenzjoni internazzjonali tal-FECC li ser issir bejn it-22 u d-29 ta' Mejju 2022 fil-Lussemburgu.

Il-Kunsill qabel li s-Sindku Dr. Christian Zammit u l-Kunsillier Stefan Bajada għandhom jattendu għal din il-konvenzjoni bħala rappreżentanti tal-Kunsill.

47.5.3 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali b'informazzjoni dwar sessjoni ta' taħriġ għall-uffiċjali eletti tal-Kunsilli Lokali. It-taħriġ għas-Sindki, Viċi Sindki u Kunsilliera Għawdxin ser isir nhar l-Erbgħa 6 ta' April 2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

47.5.4 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali b'informazzjoni dwar l-Interreg Euro Med Programme 2021-2027 (l-ewwel sejħa għall-proġetti). Il-Kunsill innota l-kontenut.

47.5.5 E-mail mingħand George Refalo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, b'informazzjoni dwar l-Iskema Reġjonali – Libreriji fil-Lokalita' 2021.

Il-Kunsill qabel li għandna niċċekkjaw jekk tali skema tistax tintuża għal xiri ta' kotba u IT *hardware* ġdid għal-librerija.

47.5.6 E-mail mingħand George Refalo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, b'informazzjoni dwar l-Iskema Reġjonali – Parks, Ġonna u Spazji Pubbliċi 2021.

Is-Sindku Dr. Christian Zammit propona u l-Kunsill qabel unanimament li għandna napplikaw taħt din l-iskema sabiex isir xogħol ta' rinnovar fil-ġnien pubbliku quddiem il-Mitħna Ta' Kola.

47.5.7 E-mail mingħand George Refalo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, b'informazzjoni dwar *seminar online* dwar il-programm Interreg Europe li ser isir nhar it-Tlieta 5 ta' April 2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

47.5.8 E-mail mingħand Ashley Hili, *Senior Officer* fl-Awtorita' tal-Ippjanar, li fiha qed tinforma lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra dwar sessjoni ta' *terrestrial laster scanning* li ser isir fuq l-Għar ta' Ninu permezz ta' *drones* nhar l-Erbgħa 6 ta' April 2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

47.5.9 Ittra mingħand Rev. Dun Michael Mifsud, Vigarju Parrokkjali u Direttur taċ-Ċirklu taż-Żgħażagħ, li fiha qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra fl-organizazzjoni ta' wirja kulturali għal Żmien il-Ġimgħa Mqaddsa.

Il-Kunsill qabel li għandu jikkollabora fl-organizazzjoni ta' din l-attivita' bi spiża li ma teċċedix is-somma ta' € 600.

47.5.10 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali b'informazzjoni dwar l-EURegionsWeek 2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

47.5.11 Ċirkulari numru 03/2022 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Elezzjoni Ġenerali 26 ta' Marzu 2022'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

47.5.12 E-mail mingħand Martin Micallef, uffiċjal fil-Ministeru tal-Agrikultura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali, li fiha qed jistieden lill-Kunsilli Lokali ta' Malta u Għawdex sabiex jipparteċipaw fil-wirja agrarja tal-Imnarja li ser tiġi organizzata f'Ġunju 2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

47.5.13 Ċirkulari numru SPI/SCI/3/2022 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Skema dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi f'Malta 2022/2023'.

Il-Viċi Sindku Aaron Agius propona u l-Kunsill qabel li għandna niċċekkjaw mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali jekk nistgħux napplikaw għal finanzjament taħt din l-iskema sabiex isir il-monument ta' merħba fid-daħla tax-Xagħra.

47.5.14 Ċirkulari numru 029/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'European Opportunity for young local and regional politicians'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

47.5.15 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali b'informazzjoni dwar opportunita' għal Sindki, Viċi Sindki u Kunsilliera żgħażagħ (taħt l-eta' ta' erbgħin sena) biex jissieħbu fil-Young Elected Politicians (YEPs) Programme. L-applikazzjonijiet jagħlqu nhar il-Ġimgħa 8 ta' April 2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

47.5.16 Ittra mingħand Mary Rose Bajada, Segretarja tal-Għaqda tan-Nar Xagħra, li fiha qed titlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra fl-organizazzjoni ta' attivita' kulturali nhar il-Ħadd 17 ta' April 2022, Ħadd il-Għid, fil-Każin tas-Soċjeta' Filarmonika *Victory*.

Il-Kunsill qabel li għandu jikkollabora fl-organizazzjoni ta' din l-attivita' bi spiża li ma teċċedix is-somma ta' € 600.

47.5.17 E-mail mingħand Sylvie u Marie-France Mailhos, rappreżentanti tal-Kumitat tal-Ġemellaġġi ta' Chevaigné fi Franza, li fiha qed jistiednu delegazzjoni ta' ħames persuni mix-Xagħra għal żjara f'Chevaigné bejn it-2 u l-5 ta' Settembru 2022.

Is-Sindku Dr. Christian Zammit irringrazzja lill-Kumitat tal-Ġemellaġġi ta' Chevaigné għal din l-istedina u propona li l-lista ta' persuni li ser jattendu għal din l-attivita' għandha tiġi konkluża fil-laqgħa ta' Mejju. Fuq proposta tiegħu, il-Kunsill qabel li għandna ninkludu lil Dr. Aaron Attard Hili f'din id-delegazzjoni in viżta ta' studju li qed jagħmel bħalissa dwar Laurent Ropa u r-rabtiet li għandu bejn ix-Xagħra u Franza.

47.5.18 E-mail mingħand Michael Cassar, *certified fitness instructor*, li fiha qed jitlob il-permess tal-Kunsill sabiex ikun jista' jorganizza *outdoor physical activity event* nhar il-Ħadd 8 jew il-Ħadd 15 ta' Mejju 2022 fil-bajja tar-Ramla l-Ħamra (data għad trid tiġi konfermata).

Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal din l-attivita' bil-kundizzjoni li l-applikant japplika għall-permessi kollha meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti.

47.5.19 E-mail mingħand George Refalo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, b'informazzjoni dwar il-proġett 'X'hemM fir-Reġjun t'Għawdex?' Il-Kunsill innota l-kontenut.

47.5.20 Ċirkulari numru 030/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Information Session – Servizzi provduti mill-Jobsplus'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

47.5.21 Ċirkulari numru 04/2022 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Proċedura dwar Sindki u Kunsillieri Eletti fil-Kamra tad-Deputati fl-Elezzjoni Ġenerali tas-26 ta' Marzu 2022'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

47.5.22 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali b'informazzjoni dwar konferenza *online* li saret nhar il-Ħamis 31 ta' Marzu 2022 bit-tema 'Local Governments Unite for Welfare and Peace'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

47.5.23 Ċirkulari numru 031/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Sport & Physical Activity – Psycho Social Perspective of Sports and Exercise Training Session 12/04/2022'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

47.5.24 E-mail mingħand Alon Michael Hattingh li fiha qed jitlob in-*no objection* tal-Kunsill sabiex ikun jista' jorganizza *photoshoot* fil-bajja tar-Ramla l-Ħamra f'xi ġurnata bejn l-20 u 24 ta' April 2022.

Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għall-organizazzjoni ta' din l-attivita' bil-kundizzjoni li l-applikant jakkwista l-permessi kollha meħtieġa min-naħa tal-awtoritajiet kompetenti.

47.5.25 Ċirkulari numru 032/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'AKL Webinar – Info Session Best Animal Society 21/04/2022'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

47.5.26 E-mail mingħand Alan Muscat li fiha qed jitlob in-*no objection* tal-Kunsill sabiex ikun jista' jorganizza *interview* ma' numru ta' kontestanti fil-bajja tar-Ramla l-Ħamra fit-22 u t-23 ta' Ġunju 2022.

Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għall-organizazzjoni ta' din l-attivita' bil-kundizzjoni li l-applikant jakkwista l-permessi kollha meħtieġa min-naħa tal-awtoritajiet kompetenti.

47.5.27 Ittra mingħand il-propjetarju ta' *L'Oranje Bar & Restaurant* fi Pjazza l-Vitorja li fiha qed jitlob il-permess tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra sabiex jorganizza *karoeke night* nhar is-Sibt 16 ta' April 2022, Sibt il-Għid, mis-7.00pm sal-11.00pm.

Il-Kunsill ma aċċettax din it-talba minħabba li dakinhar ikun hemm il-funzjoni tal-Vġili tal-Għid fil-Bażilika. Ser nitolbu lill-propjetarju sabiex isib ġurnata oħra li matulha tista' ssir din l-attivita'.

47.5.28 E-mail mingħand l-Inġinier Charles Camilleri min-naħa tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma b'informazzjoni rigward it-*tender* għax-xogħol ta' rikostruzzjoni ta' Triq Marġa, liema xogħol ser ikun iffinanzjat mill-Korporazzjoni. Il-Kunsill innota l-kontenut.

47.5.29 E-mail mill-ERA sabiex jistiednu lill-Kunsilli Lokali ta' Malta u Għawdex jinnominaw rappreżentant tagħhom sabiex jattendi għal kors dwar l-

ortikultura u l-manutenzjoni ta' siġar u arbuxxelli. Il-Kunsill innota l-kontenut.

47.5.30 E-mail mingħand Denise Brincat, *senior manager* tal-kumpanija *Greenpak*, li fiha qed tinforma lill-Kunsilli Lokali ta' Malta u Għawdex li mhux ser ikun possibbli għalihom jagħtu boroż tar-riċiklaġġ b'xejn lir-residenti minħabba diversi diffikultajiet li għandhom fil-preżent. Il-Kunsill innota l-kontenut.

**47.6 Ilmenti mir-residenti**

47.6.1 Talba mingħand il-*community police officer* Josef Saliba sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar fi Triq Gajdoru fejn *Segond Boutique Hotel* minħabba li xi sewwieqa qed jipparkjaw il-vetturi tagħhom hemmhekk u qed tinħoloq konġestjoni tat-traffiku. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

47.6.2 Talba mingħand Leo Mario Haber ta' 'Waterloo Court', Triq Kumittiva, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar quddiem ir-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

47.6.3 Talba mingħand Massimo Ferroleto ta' Triq Tas-Sruġ sabiex isiru (a) sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar madwar metru fuq kull naħa tal-garaxx tar-residenza tiegħu u (b) sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar fil-kantuniera tat-triq. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

47.6.4 Talba mingħand Anne Cassar ta' Flat 2, Pitra Court, Triq Tas-Sruġ, sabiex titwaħħal bozza ġdida quddiem ir-residenza tagħha. Il-Kunsill qabel li ghandna nibaghtu din it-talba ghall-approvazzjoni tal-Korporazzjoni Enemalta.

47.6.5 Talba mingħand Eucharist Sultana ta' 94, Triq Sant'Anton, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar faċċata tar-residenza tiegħu minħabba li t-triq hija dejqa u r-resident qed ikollu diffikulta' biex joħroġ il-vettura

tiegħu mill-garaxx. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

47.6.6 Talba mingħand Marvic Sultana ta' N.B., Triq Santa Verna, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar madwar metru fuq kull naħa tal-garaxx fejn joqgħod hu. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

47.6.7 Talba mingħand Mary Sultana ta' 'Morning Glory', Triq Bullara, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar madwar metru fuq kull naħa tal-garaxx tar-residenza tagħha. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

47.6.8 Talba mingħand Maria Assunta Mercieca ta' 114, Triq Bullara, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar madwar metru fuq kull naħa tal-garaxx tar-residenza tagħha. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

47.6.9 Talba mingħand Dominic Refalo ta' 'Qalb ta' Marija', Vjal it-Tmienja ta' Settembru, sabiex il-kaxxa tal-*parking* quddiem il-garaxx il-ġdid tiegħu tinżebagħ safra sabiex ma jsirx ipparkjar ta' vetturi. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

47.6.10 Talba mingħand Mario Schembri ta' Għajn Ħosna Court, Flat 2, Triq Għajn Ħosna, sabiex issir tabella li tindika l-isem tat-triq fil-bidu tat-triq. Il-Kunsill aċċetta din it-talba.

47.6.11 Talba mingħand James Grima ta' 'Orchadi', Triq il-Knisja, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar madwar metru fuq kull naħa tal-garaxx tar-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

47.6.12 Talba mingħand Lawrence Farrugia ta' Plot 2, Triq Ta' Gajdoru, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar faċċata tar-residenza tiegħu quddiem ir-*railing* li jaqsam Triq Gajdoru minn Triq Qasam ta' Dun Anton. Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu lill-uffiċjali ta' Transport Malta sabiex

jagħmlu *on-site visit* u jagħtu parir tekniku lill-Kunsill dwar x'l-aħjar li jsir fiċ-ċirkostanzi.

47.6.13 Talba mingħand Saviour Bartolo ta' 60, Triq Ta' Ġorf, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar fuq iż-żewġ naħat ta' Triq Għajn Ħosna peress li meta jipparkjaw il-vetturi hemmhekk, qed tinħoloq diffikulta' peress li t-triq tiġi dejqa ħafna. Il-Kunsill ma accettax din it-talba.

47.6.14 Talba mingħand il-Viċi Sindku Aaron Agius sabiex isir *traffic management plan* fil-parti d-dejqa ta' Triq Ġnien Xibla minħabba li bħalissa qed isir ipparkjar ta' vetturi bl-addoċċ u qed jeħlu l-karozzi tal-linja.

Is-Sindku Dr. Christian Zammit propona u l-Kunsill qabel li għandna niltaqgħu ma' uffiċjali minn Transport Malta biex naraw x'jista' jsir f'dan ir-rigward u dwar diversi materji oħra relatati mal-immaniġġjar tat-traffiku fil-lokalita' tagħna.

**47.7 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

47.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti għall-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsilliera preżenti.

47.7.2 L-iskeda ta' pagamenti kif preżentata ġiet approvata unanimament.

**47.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

47.8.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.00pm u ġiet aġġornata b'mod unanimu għal nhar it-Tlieta 10 ta' Mejju 2022 fil-5.30pm b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

**Dr. Christian Zammit** **Ivan Attard**
**Sindku** **Segretarju Eżekuttiv**